27 ta' April, 1953
Imhallfin:
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Joseph Micallef ne. versus Carmelo Cassar

**Assikurazzjoni — Danni — Polza tas-Sikurtà — "Third Party Risks" — Preskrizzjoni — Art. 2259 (1) tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 10 (a) u 11 tal-Kap. 165.**

*Għall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jiġifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn ħtija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn), u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin).*

*F'materja ta' ħsara kaġunata minn persuna li tkun qiegħda ssuq karrozza, l-azzjoni għad-danni sofferti mit-"third party" hija azzjoni "ex delicto", fil-konfront tat-"third party" ma' l-assikurat; għax dawk id-danni ġew kaġunati b'delitt. U għalhekk l-azzjoni tat-"third party" kontra l-assikurat għal dawk id-danni tiġi preskritta fiż-żmien li fih tippreskrivi ruħha l-azzjoni kriminali.*

*Bejn il-kumpannija assikuratriċi u t-"third party" ma hemm ebda relazzjoni ġuridika, imma hemm biss ċerti drittijiet tat-"third party" stabbiliti speċifikament mill-Liġi dwar ir-Riskji tat-Terzi Persuni. Imma malli l-kumpannija assikuratriċi tirċievi l-"claim" minn għand it-"third party", u tibda tikkunsidra dak il-"claim" biex tara jekk it-"third party" għandux dritt ta' indennizz, u*

*f'każ affermativ tistabbilixxi l-ammont ta' dak l-indennizz, allura bejn il-kumpannija tas-sikurtà u t-"third party" jinħoloq rapport ġdid, dak ċjoè li l-kumpannija, jekk ikun il-każ, tħallas lit-"third party", in bażi għall-polza tas-sikurtà u għall-liġi li tirregola dawn il-poloz, l-indennizz li jixraq. Minn dak il-mument jinħoloq rapport bejn il-kumpannija assikuratriċi u t-"third party"; u l-pożizzjoni ġuridika tgħaddi mill-fażi ta' l-azzjoni "ex delicto" u tidħol fil-fażi ta' adempiment jew inadempiment kontrattwali, li minnu tista' toħroġ l-azzjoni "ex contracto", li hija preskrivibili wara ħames snin.*

*Għaldaqstant, jekk il-"claim" mit-"third party" jkun sar lill-kumpannija tas-sikurtà meta l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tat-"third party" kontra l-assikurat tkun għadha ma hix kompjuta, u l-kumpannija tħallas l-indennizz wara li tkun kompjuta dik il-preskrizzjoni, l-assikurat ma jistax jippretendi li mhux obligat jirrifondi lill-kumpannija l-indennizz li din tkun ħallset lill-assikurat, billi jallega li meta sar dak il-ħlas l-azzjoni tat-"third party" kontra tiegħu kienet preskritta. U lanqas jista' l-assikurat jippretendi li l-kumpannija kellha tirrifjuta li tikkunsidra l-"claim" malli rċevietu, biex bid-dewmien fil-konsiderazzjoni tal-"claim" jgħaddi ż-żmien, u bil-mogħdija taż-żmien tiġi preskritta l-azzjoni "ex delicto" qabel ma tibda tiġi kunsidrata l-"claim". Għaliex il-kumpannija għandha d-dmir li tikkunsidra l-"claim" tat-"third party" minn dak il-mument stess li tirċevih.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenut kellu motor-cycle numru 113 assikurat mad-ditta attriċi b'polza numru 01864, u waqt li kien hekk assikurat ġie in kolliżjoni ma' motor-cycle ieħor numru 5226, u għamel ferita gravi fuq il-persuna ta' Francis Galea, u għalhekk il-kumpannija attriċi kellha tħallas lill-imsemmi Galea £210, somma li ġiet stabbilita wara li ttieħdet in konsiderazzjoni l-kontribuzzjoni ta' l-imsemmi Galea għall-kolliżjoni; u billi l-imsemmi Cassar naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tal-polza, id-ditta attriċi għandha d-dritt illi tirreklama minn għandu r-rimborż tas-somma li hija ħallset; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £210 in rimborż tas-somma

li l-istess ditta ħallset għalieħ għad-danni dovuti lil Francis Galea. Bl-interessi legali mis-7 ta' Diċembru 1951, u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Diċembru 1951, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Novembru 1952, li biha dik il-Qorti rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni opposti mill-konvenut, u ordnat li l-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut, u ddifferiet il-kawża biex tiġi ttrattata fil-meritu għall-udjenza tat-8 ta' Jannar 1953; billi kkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2258 (Kod. Ċiv.) opposta mill-konvenut għall-azzjoni odjerna;

Illi dina l-preskrizzjoni tirrigwarda l-azzjoni għall-ħlas tad-danni mhux kaġunati b'reat, jiġifieri hija dik l-azzjoni derivanti mil-"Lex Aquilia" (Kollez. XV, 44) għar-riżarċiment ta' dawk id-danni li ġejjin minn dolo jew ħtija, iżda dovuti għal kawżi indipendenti minn obligazzjoni kontrattwali (Kollez. XII, 144; XV, 44; XXVI-II-515);

Illi fil-każ tagħna, skond ammissjoni ta' l-istess konvenut (fol. 16), id-danni in kwistjoni, fil-konfront tiegħu, mhumiex dawk naxxenti minn reat, iżda minn inadempjenza ta' wieħed mill-patti kontenuti fil-polza ta' l-assikurazzjoni; liema ammissjoni tinsab sostanzjalment ripetuta fit-tieni paragrafu tan-nota tiegħu (fol. 19), fejn jingħad li skond dik il-polza "il-konvenut kien obligat jagħti avviż bil-miktub lill-kumpannija immedjatament wara li jiġri l-aċċident jew ħsara jew telf, u l-konvenut ma tax l-avviż tiegħu kif kien obligat li jagħmel skond il-polza";

Illi konsegwentement il-preskrizzjoni mhix dik kontemplata fl-art. 2258 fuq ċitat, iżda hija dik li tkun konfaċenti għall-obligazzjoni kontrattwali "de quo" (Kollez. XXVI-I-54; XXVIII-I-726; XXIX-II-581), u fil-każ tagħna hija dik ta' ħames snin skond l-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili (Kollez. XXIX-I-1340; XXXIII-I-605);

Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni, f'każ simili, jibda mill-ġurnata li fiha tkun ġrat il-ħtija (Kollez. XXI-I-51), u mhux,

kif jippretendi l-attur, minn dik li fiha ssir taf bil-ħtija l-parti danneġġjata (Kollez. XVII-I-151; XXIX-III-92). Issa, billi "ex admissis" l-aċċident li ta lok għad-danni ssuċċieda fil-21 ta' Awissu 1949, il-preskrizzjoni kwinkwennali għadha ma mmaturatx ruħha;

Illi, rigward il-preskrizzjoni bijennali fil-konfront tal-persuna danneġġjata, din il-Qorti rrilevat li anki f'dan ir-rigward mhix applikabili l-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 2259 (Kod. Ċiv.) opposta mill-konvenut, iżda dik ta' ħames snin prevista fl-art. 2261(f) ta' l-istess Kodiċi, billi anki hawn si tratta ta' riżarċiment ta' danni dovuti għal kawża li mhijiex indipendenti minn obligazzjoni kontrattwali. Veru li skond l-art. 1044 (Kod. Ċiv.) il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid lil ħaddieħor; iżda dik id-dispożizzjoni tkompli tgħid "ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi"; liema dispożizzjoni tikkorrispondi għall-art. 1130 (Kod. Ċiv. Taljan) u għall-art. 1165 (Kod. Ċiv. Franċiż), li jispeċifika b'mod ċar dik l-eċċezzjoni u jgħid "fuorchè nel caso preveduto nell'articolo 1121", li hu sostanzjalment identiku għall-art. 1043 tal-Kodiċi Ċivili Malti, hekk konċepit:— "Wieħed jista' jikkuntratta għall-vantaġġ ta' persuna oħra, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalieħ innifsu, jew ta 'donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dana l-patt ma tistax tħassru jekk il-persuna l-oħra tkun iddikjarat li trid tinqeda bih";

Dawn il-kuntrattazzjonijiet huma fid-dottrina msejħin "stipulazioni per altri", u minnhom joħroġ "un contratto bimembre", li, skond il-Professur Giovanni Lomonaco, jikkonsisti f'kuntratt "nel quale si ravvisa lo sdoppiamento dalla parte di uno dei contraenti...... Il contratto resta un solo ed unico contratto, ma di fronte ad uno dei contraenti vengono a trovasi due persone, l'una cogli obblighi, l'altra con i diritti, che derivano dal contratto. Il contratto bimembre è dunque un contratto a tre persone. Le quali possono essere indicate come 'contro-parte' la prima, come 'onerata' la seconda, come 'favorita' la terza (Nozioni di Diritto Civile Italiano, paġ. 572 in calce, nota 3);

Illi biex it-terza persuna ma tibbenefikax minn kuntratt

simili, trid ma taċċettax il-vantaġġ favur tagħha stipulat. Difatti, malli hija tiddikjara, bi kwalunkwe mod, li trid dak il-vantaġġ, hija ssir veru u proprju kontraent, daqs kieku ħadet parti fil-kuntratt sa mill-bidu. "Questa offerta che gli vien fatta", jgħid Laurent, "egli (i.e. il terzo) deve accettarla; quando l'ha accettata, l'offerta diviene un contratto che obbliga *tutte le parti interessate, lo stipulante, il promittente,* ed il terzo, se l'offerta implica una obbligazione" (Diritto Civile, XV, p. 559);

Aktar ċar u inċiżiv f'dan ir-rigward hu Borsari :— "Per l'accettazione il terzo depone questa sua qualità per assumere quella di contraente. Egli è come se fosse personalmente interessato a stipulare nel proprio interesse........... Il terzo accettante è entrato di pieno diritto nella convenzione, e come se vi fosse personalmente intervenuto" (Commentario al Codice Civile Italiano, art. 1128, paġ. 259, col. 1a. u 2a.). Anzi Baudry wasal fil-konklużjoni li dina l-istipulazzjoni favur ħadd ieħor "conferisce immediatamente un credito al terzo. La dichiara*zione fatta da questo, che esso intende* profittare *della stipulazione*, non fa nascere il suo diritto. Il suo effetto si limita ormai a mettere questo diritto al coperto della revoca" (Obbligazioni, vol. 1, para 154, paġ. 205);

Illi fuq l-iskorta ta' dina d-dottrina, il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Sammut vs. Dimech", deċiża fl-14 ta' Ottubru 1887, marret tirritjeni li "sebbene nel contratto l'attore creditore del peso non aveva avuto parte, egli non di meno, secondo l'art. 706 Ord. VIII, 1868 (il-lum art. 1043 tal-Kodiċi Ċivili), può profittarne, e quindi esercitare contro il convenuto una azione personale, come se questi avesse direttamente coll'attore medesimo contrattato" (Kollez. XI, 412);

Illi għall-fini ta' l-imsemmija dispożizzjoni mhux meħtieġ li t-terzi avvantaġġjati jiġu determinati fil-kuntratt (v. Baudry, op. ċit., para. 178, paġ. 237 u 178 bis; Fadda, Giurisprudenza Cod. Civ. Ital., art. 1128, nri. 90, 91, 92, 93 u 94);

Illi kuntratt ta' assikurazzjoni favur terza persuna, bħal ma hu dak in kwistjoni, jaqa' taħt l-imsemmi art. 1043 fuq ċitat (Fadda, op. ċit., no. 202); u malli d-danneġġjat li favur tiegħu sar, fil-każ tagħna Francis Galea, bl-ittra tat-8 ta' Mejju 1951 (fol. 13) interpella lill-kumpannija attriċi għall-ħlas tad-

danni li kien sofra mill-assikurat, huwa wera li aċċetta l-istipulazzjoni naxxenti favur tiegħu mill-assikurazzjoni, u d-dritt tiegħu għar-riżarċiment tad-danni sar jiddependi mill-kuntratt stipulat bejn il-kontendenti daqs kemm kieku ħa parti fih sa mill-bidu;

Konsegwentement, il-preskrizzjoni, anki fil-konfront tiegħu, mhix dik ta' sentejn, regolata mill-art. 2259, iżda dik ta' ħames snin kontemplata fl-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, li evidentement sal-lum għadha ma għaddietx;

Rat fol. 37 in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u fol. 38 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tad-deċiżjoni, billi tiġi akkolta l-preskrizzjoni bijennali fil-konfront tal-persuna danneġġjata, u konsegwentement jiġu riġettati d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Irriflettiet;

Illi biex jiġi delimitat sewwa l-pont devolut lil din il-Qorti, huwa xieraq li jiġi notat li l-konvenut issolleva żewġ eċċezzjonijiet; waħda fis-sens li l-azzjoni ta' l-attur kontra tiegħu hija preskritta peress li għaddew sentejn minn meta l-eċċipjent kien inadempjenti; u l-oħra illi l-konvenut ma hux obligat iħallas ebda ammont lill-attur, għax meta dan ħallas lil Galea ("third party"), l-azzjoni ta' dan Galea għad-danni kienet preskritta (bil-preskrizzjoni wkoll bijennali);

L-Ewwel Qorti rrespinġiet iż-żewġ eċċezzjonijiet, kif jidher mit-termini espressi tad-dispożitiv;

Kif juri ċar il-paragrafu konklużjonali tal-petizzjoni, il-konvenut qiegħed jillimita l-appell għall-preskrizzjoni bijennali fil-konfront tal-persuna danneġġjata, ċjoè għall-eċċezzjoni sollevata fit-tieni lok. F'dik l-eċċezzjoni l-konvenut jgħid li hu ma hux tenut di fronti għall-attur nomine, għax dan ħallas lit-"third party" meta l-azzjoni tat-"third party" kienet preskritta bl-għeluq tat-terminu ta' sentejn. L-ewwel Qorti rriteniet li l-preskrizzjoni applikabili, anki fil-konfront tal-persuna danneġġjata ("third party") kienet dik kwinkwennali, għaliex anki hawn si trattava ta' danni "ex contractu", peress li, kif

l-Ewwel Qorti rritenier, il-kuntratt tat-"Third Party Risks Insurance" jikkostitwixxi l-kuntratt a vantaġġ ta' persuna oħra kontemplat fl-art. 1043 Kap. 23 Ediz. Riveduta;

L-appellant qiegħed isostni li ma hemm ebda rapport ġuridiku bejn it-"third party" u l-kumpannija tas-sigurtà, u għalhekk l-azzjoni tad-danneġġjat ("third party") hija preskrivibili fi żmien sentejn bħala azzjoni "ex delicto", li, kwantu għall-preskrizzjoni, għandha tkun bħall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali (ara art. 2259 Kap. 23 kombinat ma' l-art. 683 (e) Kap. 12, u ara t-tielet paragrafu tan-nota fol. 19);

Ikkunsidrat;

Hu ċert li, għall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni: dawk li jiġu minn reati veri u proprji, ossija minn fatti punibili kriminalment, f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hija dik ta' l-azzjoni kriminali; dawk li jiġu minn fatti li ma humiex reati, iżda ma humiex lanqas inadempjenza kontrattwali, ċjoè dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn; u fl-aħħarnett dawk li jidderivaw minn inadempjenza kontrattwali, f'liema każ hi applikabili l-preskrizzjoni ta' l-istess obligazzjoni (ara Kollez. Vol. XII, 144; Vol. XVII—I—151; XXI—I—528; u XXIZ—II—582);

Issa, apparti għal issa l-pont jekk it-"third party" għandux jiġi kunsidrat jew le bħala parti fil-polza tas-sikurtà, hu ċert li l-"claim"-tat-"third party" għal danni lilu kaġunati bid-delitt ta' l-assikurat (offiża gravi involontarja—art. 240 Kap. 12) hija azzjoni "ex delicto", u bħala tali ma tistax taqa' taħt id-dispost ta' l-art. 2259 (1) Kap. 23. It-terminu tagħha huwa dak ta' l-azzjoni kriminali, ċjoè, f'dan il-każ, skond l-inċiż (e) ta' l-art. 683 Kap. 12, ta' sentejn;

F'dan is-sens għandu raġun l-appellant, li jgħid li t-terminu tal-preskrizzjoni hu ta' sentejn;

Issa, però, wieħed għandu jara jekk l-appellant għandux raġun fl-eċċezzjoni li hu issolleva, u li hija devoluta lil dina l-Qorti, vwoldiri li l-attur nomine ħallas lit-"third party" meta l-azzjoni tad-danni kienet preskritta;

Mid-dok. fol. 13 jirriżulta li t-"third party" għamel il-"claim" tiegħu lill-kumpannija attriċi bl-ittra ta' l-avukat tie-

għu li tinqara f'dak il-fol. 13. Din l-ittra ġġib id-data tas-6 ta' Mejju 1951. F'dik id-data l-bijennju kien għad ma għaddiex, għaliex il-każ ġara, "ex admissis", fil-21 ta' Awissu 1949;

Fost il-kondizzjonijiet tal-polza (ara fol. 6 tergo, taħt "conditions", no. 2) hemm anki dan :— "........ which (vwoldiri l-kumpannija) shall be entitled, if it is so desired, to take over and conduct in the name of the insured the defence or settlement of any claim, and shall have full discretion in the conduct of any proceedings and in the settlement of any claim..."; 

Dina l-klawsola hija "di stile" fil-poloz tas-sikurtà simili, u skond l-awturi l-aktar akkreditati in materja, tagħti d-dritt lill-kumpannija li tagħmel dak is-"settlement" tal-"claim" li hija "bona fide" tikkunsidra fl-interess tagħha u ta' l-assikurat, u li tħallas direttament lit-"third party" (ara Shawcross, The Law of Motor Insurance, 2nd. edition 1949, page 516, para. 3, u page 697, fejn hemm ċitata s-sentenza Beacon Insurance Co., Ltd. v. Longdale (1939), All E.R. p. 204);

Inoltre, għandu jiġi osservat li malli ssir il-"claim" mit-"third party", il-Kumpannija għandha d-dmir li tikkunsidraha;

Proprjament mhux korrett li jingħad, kif qalet l-Ewwel Qorti, li dan il-kuntratt huwa kuntratt kontenenti stipulazzjoni favur terza persuna (il-persuna danneġġjata). Id-dottrina prevalenti ingliża (u dawn huma poloz ta' sikurtà ta' kumpanniji Ingliżi, u għalhekk l-insenjamenti dottrinali u l-ġurisprudenza ingliża għandhom importanza kbira in materja) hija fissens li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn it-"third party" u l-kumpannija tas-sikurtà. Hekk, il-Macgillivray, On Insurance Law, 1947 edition, page 1172, fejn jgħid li ma hemmx "privity" bejn "the injured person and the insurers". Hekk ukoll ix-Shawcross fuq ċitat, p. 716, fejn jgħid :— "The third party and the insurers against whom he enjoys statutory rights in certain events are, therefore, at arm's length, and no relationship, other than that arising from the provisions of the relevant statutes, arises or exists between them";

In bażi għall-polza ma hemmx "privity", ma hemmx relazzjoni ġuridika, u hemm biss ċerti drittijiet tat-"third party" stabbiliti speċifikatament fil-Liġi Ingliża, kif hemm stabbiliti taħt il-Liġi Maltija (Kap. 165 Ediz. Rv.), fl-art. 10 (1) bl-art. numru 11;

Iżda (u hawn qiegħed in-"nodum juris"), malli l-kumpannija attriċi bdiet tittratta mat-"third party" fuq l-ittra tiegħu tat-8 ta' Mejju 1951, fol. 13, biex tara kellux xi dritt ta' indenniz, u f'każ affermativ tistabbilixxi l-"quantum", allura bejn il-kumpannija u t-"third party" inħoloq rapport ġdid, dak ċjoè li l-kumpannija, jekk kien il-każ, tħallas lit-"third party" in bażi għall-"policy" u għall-liġi li tirregola dawk il-"policies" (Kap. 165), l-indennizz li jixraq; liema dritt, appuntu għax in bażi għal "contractual obligation" kontenuta fil-"policy", hu dritt "ex contractu". Minn dak il-mument li nħoloq dan ir-rapport bejn il-kumpannija u t-"third party" il-pożizzjoni ġuridika għaddiet mill-fażi ta' l-azzjoni "ex delicto", u daħlet fil-fażi ta' adempjenza jew inadempjenza kontrattwali, li minnha tista' toħroġ l-azzjoni "ex contractu", preskrivibili fi żmien ħames snin;

Mela jiġi li sat-8 ta' Mejju 1951 (data li fiha l-kumpannija attriċi rċeviet il-"claim" tat-"third party") il-bijennju talpreskrizzjoni ta' l-azzjoni "ex delicto" kien għadu ma għaddiex, u minn dik id-data 'l-hemm ma kienx hemm lok aktar għal dik il-preskrizzjoni, għax id-dritt tat-"third party" ġie allura radikat fuq il-"policy", ċjoè "ex contractu". Ma jistax, għalhekk, jingħad li, meta l-attur nomine ħallas lit-"third party", l-azzjoni ta' dan kienet preskritta;

Il-każ (salvi konsiderazzjonijiet oħra) seta' kien divers kieku, meta t-"third party" għamel il-"claim", kienu ġà għaddew is-sentejn tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni "ex delicto". Iżda f'dan il-każ ma kienx hekk, u l-konvenut ma jistax jippretendi li l-kumpannija kellha tirrifjuta tikkunsidra l-"claim" tat-"third party" sabiex b'dan id-dewmien jibqa' għaddej iż-żmien u jagħalqu s-sentejn tal-preskrizzjoni; għaliex, apparti li l-kuntratt tas-sikurtà hu kuntratt "uberrimae fidei", kif inhu risaput, hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi "the obligation to indemnify, however it may be discharged, arises at the very moment the liability to which it relates is incurred by the assured, namely, at the time of the accident" (Hord's Trustees v. Southern Union General Insurance Company of Australasia, 1928, Ch. 793, p. 800, per Tomlin J.); u għalhekk l-attur nomine kien ġustifikat, anzi fid-dmir, li minn dak il-mument,

ċjoè minn mindu rċieva l-"claim" tat-"third party" (l-ewwel darba li kien jaf bl-aċċident), jikkunsidraha;

Jekk imbagħad il-konvenut jippretendi li l-attur nomine, fis-"settlement" tal-"claim", għamel xi ħaġa (apparti l-pont tal-preskrizzjoni) li biha l-konvenut ġie preġudikat, din hi materja li ma tidħolx fil-pont devolut lil din il-Qorti, imma li tista', se maj, tidħol taħt l-azzjoni għad-danni, "si et quatenus", għal dik li f'din il-materja tissejjaħ "breach of duty";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma, għalkemm għal raġunijiet diversi, is-sentenza appellata fil-pront lilha devolut; l-ispejjeż jibqgħu, fil-prima istanza, kif deċiżi, u dawk ta' dina l-istanza jitħallsu mill-konvenut appellant u sokkombenti;

Tirrimetti l-inkartament lill-Qorti ta' l-Ewwel Grad għall-prosekuzzjoni tat-trattazzjoni.